**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 14 ta' Gunju, 2019**

**Rikors nru: 155/2016 AGV**

**AB**

**vs**

**CB**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent pprezentat fit-13 ta' Novembru, 2018 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1.Illi l-partijiet zzewwgu nhar l-20 ta' Lulju, 2002 minn liema zwieg twieldu zewg ulied: D li twieled fil-Pieta' fl-4 ta' Frar, 2007 u E li twieled tal-Qroqq, Msida fis-7 ta' Lulju, 2010.

2. Illi mill-imsemmija data taz-zwieg tal-partijiet bdiet tapplika l-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u dan ai termini tal-Artikolu 1316 (1) tal-Kodici Civili.

3. Illi l-partijiet ilhom separati de facto sa mis-sena 2015 meta l-esponenti kien kostrett jitlob lil din il-Qorti jmur jirrisjedi ghar-rasu minhabba dizgwid enormi li kien qed ikun hemm fid-dar matrimonjali quddiem il-minuri.

4. Illi l-konvenuta qieghda presentement tirrisjedi fid-dar matrimonjali ma' uliedhom u l-esponenti qed ighix go fond bil-kera go familja ma' mara ohra, flimkien ma' uliedha u t-tifla li sussegwentement kellhom bejniethom, ma' liema mara kien iltaqa' xhur wara li telaq mid-dar u ma' min imbaghad sab farag u konsolazzjoni u s-serhan ta' mohhu.

5. Illi ghalhekk il-partijiet qed ighixu (u ilhom ighixu ghal dawn l-ahhar tlett snin u nofs) hajja separata.

6. Illi peress li din il-kawza tista' tiehu fit-tul, l-aktar ghaliex il-konvenuta sa mill-bidu tas-separazzjoni qatt ma uriet xi volonta' sabiex jintlahaq xi ftehim, l-esponenti jixtieq, f'dawn ic-cirkostanzi, jirrijakkwista d-dritt illi jaghmel l-atti kollha tal-hajja civili u kummercjali u dan minghajr il-htiega tal-kunsens u jew approvazzjoni jew l-intervent tal-parti l-ohra.

Illi l-esponenti jitlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti qabel il-gudizzju finali a tenur tal-Artikolu 55(1) tal-Kodici Civili, b'dan illi m'hu ser jinholoq l-ebda pregudizzju mhux proporzjonat ghall-konvenuta.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet a tenur tal-Artikolu 55(1) tal-Kodici Civili.

2. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirregistra fir-Registru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

   Salv kull provvediment iehor li din il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

Rat ir-Risposta tal-konvenuta li eccepiet illi:-

1. Illi permezz tar-rikors tieghu sufferit, l-attur qieghed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet a tenur tal-Artikolu 55 (1) tal-Kodici Civili u sabiex sussegwentement tawtorizza lill-esponenti sabiex tirregistra fir-Registru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi preliminarjament jinghad illi l-attur m'ghandux jigi ppremjat talli ta' lok ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-kontendenti billi tigi milqugha t-talba tieghu a skapitu tal-ahjar interessi tal-esponenti u konsegwentement tat-tfal minuri. Kif jidher anke mid-dibattiti parlamentari li precipitaw l-emendi ghall-artikolu 55 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-intendiment tal-legislatur kien illi tissalvagwardja l-vittma tat-tifrik taz-zwieg ossia (f'dan il-kaz) l-adulterju u cioe' l-esponenti:

Issa f'dawn il-kazijiet huwa importanti li l-Qorti jkollha d-diskrezzjoni li wara li tisma' u tara, tiddeciedi jekk effettivament it-talba biex tieqaf il-komunjoni tal-akkwisti tkunx gusta jew le, ghax jista' jaghti l-kaz li wahda mill-partijiet taghmel din it-talba minhabba li, per ezempju, tkun taf li se tircievi xi somma flus mix-xoghol taghha u allura tiddeciedi li taghmel din id-divizjoni bil-hsieb li l-parti l-ohra ma tkunx tista' tibbenefika assoultament xejn minn din is-somma. Jista' jkun ukoll li l-parti l-ohra tkun il-vittma tat-tkissir taz-zwieg u ghalhekk filwaqt li l-ewwel u qabel kollox il-Qorti ghandu jkollha s-setghat kollha li tara u tiddeciedi dejjem fl-ahjar interess tal-ulied billi tassigura ruhha li dawn qatt ma jkunu neqsin minn xejn, tissalvagwardja ukoll illi l-parti li tkun vittma.

Illi l-esponenti topponi ghal din it-talba ghas-segwenti ragunijiet;-

1. Illi immedjatament qabel din it-talba, l-attur talab, permezz ta' rikors tas-16 ta' Mejju, 2017 illi d-dejn tal-komunjoni tal-akkwisti jigi maqsum b'tali mod illi dan ghandu jithallas fi kwoti ndaqs bejn il-partijiet u mhux minimum biss. Dina l-Onorabbli Qorti cahdet it-talba permezz ta' digriet tad-29 ta' Ottubru, 2018 wara li l-esponenti ntavolat ir-risposta taghha li fiha arikolat l-opposizzjoni taghha.

2. Illi jigi umilment sottomess illi din it-talba qieghed issir, *inter alia,* bhala forma ta' appell indirett mid-digriet surreferit ghad-divizjoni tad-dejn u dan ghaliex kwalunkwe hlas illi jsir mill-attur wara li l-komunjoni tal-akkwisti tigi tterminata efffettivament ha tikkostitwixxi kreditu favur l-istess attur.

3. Illi ghalhekk dan l-immanuvrar legali huwa intiz mhux sabiex b'xi mod jezercita xi dritt l-attur izda sabiex tigi pregudikata l-esponenti mis-sehem illi hi ghandha eventwalment tippercepixxi mid-dar matrimonjali u cioe' l-aspett principali ta' disgwid bejn il-partijiet.

4. Illi ghalhekk dina l-Onorabbli Qorti ghandha anke abbazi ta' din ir-raguni wahedha, tichad it-talba tal-attur ghar-ragunijiet li originarjament immotivaw id-digriet taghha tad-29 ta' Ottubru, 2018.

Fit-tieni lok:

5. Illi l-esponenti dejjem kienet fl-ghama fir-rigward tal-amministrazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. Kif diga' gie ppruvat u ammess mill-attur stess waqt il-kontro-ezami tieghu nhar it-18 ta' Jannar, 2017, l-attur spiss kien jiddejjen minghajr il-kunsens jew approvazzjoni ta' martu, gieli billi jiffalsifika l-firma taghha fuq sanction letters ghax-xiri - inter alia – ta' vetturi lussuzi fosthom Ferrari.

6. Illi ghalhekk, f'dan l-istadju tal-proceduri, l-esponenti ghadha qiedghda tiskopri l-kontenut tal-komunjoni tal-akkwisti, kemm positiv, kif ukoll negattiv. Dan s'I ssa ma setax isir b'mod ghal kollox fidili ghaliex sa issa ghadhom gew mressqa biss il-provi tal-attur u ghajr l-affidavit taghha, li gie pprezentat ftit granet ilu, l-esponenti ma kelliex l-opportunita' illi tressaq il-provi taghha.

Ikkunsidrat

Ir-rikorrenti qed tipprocedi b'din it-talba fit-termini tal-Artikolu 55 (1) tal-Kodici Civili, riprodott "*supra*" li jaghti d-dritt lil kull parti f'kawza ta' separazzjoni personali, li fil-pendenza tal-istess kawza, titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti.

Skond is-subinciz (2) tal-istess artikolu, l-ordni tal-waqfien tal-komunjoni ghandha tinghata b'sentenza u skond is-subinciz (3) l-ordni tal-waqfien tkun tghodd minn meta s-sentenza tghaddi in gudikat.

Is-subinciz (4) tal-istess artikolu jghid hekk:-

***"Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-Qrati ghandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda."***

Skond is-subinciz (6) tal-istess artikolu meta l-Qorti fid-diskrezzjoni taghha ma tkunx ordnat il-waqfien tal-komunjoni fil-bidu tal-kawza tal-firda, dan ghandha taghmlu mill-jum li s-sentenza tal-firda tkun finali u konkluzziva.

Fil-kawza fl-ismijiet **Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell (Citaz.Nru. 139/12) deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru, 2015** li kkonfermat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ntqal:-

**"…..il-Qorti tosserva li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jista' jkun ta' ebda pregudizzju ghas-sehem tal-attrici mill-assi li talvolta din tiskopri wara li twaqqfet il-komunjoni, ghax il-waqfien tal-komunjoni jirreferi ghall-futur u mhux ghal dawk l-assi li diga' dahlu u qedghin fil-komunjoni anke jekk ad insaputa tal-attrici."**

**"In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap.16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li *"f'kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi…..t-talba ghall-waqfien m'ghandiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat."*** Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skond il-principju ***incumbit ei qui dicit non ei qui negat*** **"**[1]

Ikkunsidrat;

Dina l-Qorti ghandha tiddetermina li jekk tigi tterminata l-komunjoni tal-akkwisti, il-konvenuta tkun ser tbati pregudizzju sproporzjonat jew le. Ghandu jigi kkunsidrat primarjament, li f'dina l-kawza ta' separazzjoni, il-gbir tal-provi ghadu ghaddej u ghadu fl-istadju tal-provi tal-attur u ghalhekk huwa kmieni wisq biex jigi ddeterminat b'mod ezawrjenti f'xiex tikkonsisti l-komunjoni tal-akkwisti.

Oltre minn hekk, jirrizulta carament li l-attur, li jahdem il-Bank kien jamministra l-flus u jammetti hu stess fix-xhieda tieghu fit-18 ta' Jannar, 2017 li gieli kien hemm okkazzjonijiet fejn iffirma ghan-nom tal-mara sabiex jissellef xi fondi mill-Bank of Valletta plc. biex jakkwista u jbiegh vetturi lussuzi u dan bl-aktar mod abbuziv, meta ma kellu l-ebda dritt jaghmel dan, izda approfitta mill-fatt li kien impjegat tal-Bank. L-attur jametti ukoll li parti mill-flus li dahhal kien warrabhom go kont cirka xi Eur.10,000. Jirrizulta ukoll skond il-konvenuta, li l-attur regolarment kien

---

[11] Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi – Qorti tal-Appell deciza fit-28 ta'Marzu, 2015

jaghmel trasferimenti mill-kont tal-attrici ghal tieghu biex ihallas xi kontijiet u dan indunat bih wara.

Dan iwassal lil dina l-Qorti biex tkun imhasba, fis-sens jekk l-attur ma sab l-ebda problema biex jippregudika dak li kien haqqha l-konvenuta waqt iz-zwieg, aktar ser ikun f' posizzjoni li jippregudikalha d-drittijiet taghha, jekk tigi tterminata l-komunjoni tal-akkwisti, u allura indubbjament mhux ser ikun pregudizzju proporzjonat.

Kien fid-dmir tal-attur li jikkonvinci lil dina l-Qorti bil-provi li l-waqfien tal-komunjoni mhux ser johloq ebda "pregudizzju proporzjonat" ghall-konvenuta, izda minflok aktar ikkonvinca lil dina l-Qorti li l-attur mhux persuna affidabbli u ghadu kmieni wisq sabiex jittiehed kwadru aktar car tal-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti, biex tigi tterminata u ma tohloqx "pregudizzju proporzjonat."

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tichad it-talbiet tal-attur.

L-ispejjez ta' din is-sentenza in parte jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

**Onor. Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**